30 ta' April, 1951

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Vincenzo Carabott et. *versus* Avukat Dr. John Gouder et. ne.

**Kompetenza — Valur — Testment — Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Ġurament — Kuratur — Eżekutur Testamentarju — Art. 2261 (c) u 2265 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 749 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Għall-finijiet tal-kompetenza, il-valur ta' l-oġġett fil-kawża jiġi determinat mit-talba, meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata.*

*Meta l-ġudizzju dwar it-talba in kontestazzjoni jkun jirversa fuq is-somma intiera reklamata u fuq l-uniku titolu li għalih ikun hemm riferenza fit-talba, il-Qorti ta' Kompetenza Superjuri tibqa' kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' dik it-talba għal somma akbar minn £10, avvolja dik is-somma tkun mitluba minn aktar minn persuna waħda u, meta dik is-somma tiġi ratizzata bejn il-persuni atturi, is-sehem li jmisshom minnha jkun anqas minn £10.*

*Ir-rikonoxximent ta' dejn magħmul mit-testatur f'testment jammonta għal att interruttiv tal-preskrizzjoni; u għalhekk, jekk il-kreditur jiġi 'l-quddiem bl-azzjoni diretta kontra l-eredità tat-testatur debitur, dik l-azzjoni hija suġġetta għall-preskrizzjoni ordinarja li tolqot dik l-azzjoni, u li tibda tiddekorri almenu mill-mewt tat-testatur. Mentri, jekk il-kreditur jaġixxi bl-azzjoni "ex testamento", il-preskrizzjoni applikabili hija dik li tolqot din l-aħħar imsemmija azzjoni.*

***Meta l-preskrizzjoni li tolqot l-azzjoni eżerċitata hija dik ta' ħames snin (bħal ma kien il-każ preżenti), dik il-preskrizzjoni tista' tiġi kombattuta biss bid-deferiment tal-ġurament lil min jeċċepiha; imma dan il-ġurament jingħata biss meta l-eċċipjent huwa l-eredi jew xi aventi kawża tad-decujus, u ma jistax jiġi deferit lill-kuratur ta' l-eredità ġjaċenti jew lill-eżekutur testamentarju.***

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni nru. 295 tad-9 ta' Mejju 1946, preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re mill-atturi Vincenzo u Teodoru sive Doru, aħwa Carabott, f'isem tagħhom proprju kif ukoll bħala wlied u eredi leġittimi ta' missierhom Giuseppe Carabott, kontra l-Avukat Dr. John Gouder u l-P.L. Joseph D'Amato bħala kuraturi biex jirrappreżentaw l-eredità ġjaċenti ta' Antonia Carabott, nominati b'digriet ta' dina l-Qorti mogħti fit-2 ta' April 1946 li jinsab anness ma' l-ittra uffiċjali spedita fis-26 ta' Settembru 1945, u l-fum l-istess Dr. John Gouder sostitwit b'digriet tat-3 ta' Frar 1951 mill-Avukat Dr. Anthony Pullicino, kif ukoll kontra Giuseppe Carabott bħala eżekutur testamentarju ta' l-istess Antonia Carabott għall-interess li jista' jkollu; li minnu jidher li l-atturi, wara li ppremettew li qabel xejn tiġi premessa kull neċessarja dikjarazzjoni u li jiġi mogħti kull provvediment li jeħtieġ; u billi huma, bħala legatarji ta' l-imsemmija Antonia Carabott, in forza ta' kuntratt magħmul fis-6 ta' Lulju 1945 fl-attijiet tan-Nutar Luigi Gauci Forno ġew immessi fil-pussess tal-fondi li qegħdin Marsaxlokk, Saint Joseph Street, markati numri 12 u 13; u billi mill-mewt ta' l-imsemmija Antonia Carabott, li ġrat fis-27 ta' Ottubru 1937, sad-data li tirriżulta fit-trattazzjoni, dawk il-fondi huma amministrati mill-imsemmija eredità ġjaċenti, kif qalu li sejjer jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, mentri l-fitti ta' l-imsemmija żewġ fondi, li ġew hekk inkassati, jappartjenu lilhom bħala legatarji; u billi huma, bħala eredi ta' missierhom Giuseppe Carabott, huma kredituri ta' l-imsemmija eredità fis-somma ta' £15, bl-imgħax legali tal-5% mill-ittra uffiċjali spedita fis-6 ta' Frar 1945, bilanċ u saldu ta' somma akbar li kienet ġiet mislufa minn missier l-atturi, Giuseppe Carabott, lill-imsemmija Antonia Carabott, u li din is-somma għandha tiġi mħallsa nofs kull wieħed lill-atturi; talbu li l-konvenuti nomine jiġu kundannati jirrendu kont tal-

fitti li ġew inkassati mill-fondi li qegħdin Marsaxlokk, Saint Joseph Street numri 12 u 13, u jirrendu kont ta' l-ispejjeż li saru fuq dawk il-fondi ma' tul l-amministrazzjoni ta' l-istess fondi, u fil-każ li l-konvenuti jonqsu, u ma jippreżentawx fit-terminu li jiġi mogħti lilhom l-imsemmija kontijiet, li huma (l-instanti) ikunu minn dina l-Qorti ammessi jistabbilixxu s-somma lilhom dovuta; b'riżerva li jitolbu f'ġudizzju ieħor il-pagament tal-bilanċ li jirriżulta lilhom dovut minn dawn il-kontijiet; u li l-konvenuti nomine jiġu wkoll kundannati jħallsu lill-atturi, nofs kull wieħed, is-somma ta' £15, bl-imgħax legali tal-5% mis-6 ta' Frar 1945, data ta' l-ittra uffiċjali hawn fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk relativi għall-ittra uffiċjali li ġiet spedita fis-26 ta' Settembru 1945, kif ukoll dawk relativi għall-mandat kawtelatorju ta' sekwestru spedit fl-4 ta' Mejju 1946, u bl-inġunzjoni lill-konvenuti nomine jidhru ħalli jissubixxu bil-ġurament;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi dwar l-ewwel talba jingħad li mill-kuntratt eżibit ma' l-att taċ-ċitazzjoni, u l-lum fuq is-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fil-15 ta' Ottubru 1949, konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-31 ta' Jannar 1951, fl-ismijiet "Giuseppe Carabott ne. vs. Vincenzo u Teodoro aħwa Carabott", dik l-istess talba hija ġustifikata; u kontra tagħha l-konvenuti ma għamlu ebda oppożizzjoni valida; b'mod li in konsegwenza l-istess għandha tiġi akkolta;

Illi dwar it-tieni talba jingħad li mit-testment ta' Antonia Carabott tal-20 ta' Mejju 1930, li kopja tiegħu tinsab mehmuża mal-kawża ċivili fl-ismijiet "Carabott utrinque" ċeduta fit-28 ta' Jannar 1946, jirriżulta li l-atturi, bħala eredi ta' missierhom, huma kredituri tal-wirt battal ta' l-istess Antonia Carabott fis-somma ta' £15, bilanċ ta' debitu, li għandhom jinqasmu nofs kull wieħed bejn iż-żewġ instanti—dak li huma affermaw bil-ġurament fil-kawża tal-lum;

Illi, in oppożizzjoni għal dina t-tieni talba, il-konvenut Giuseppe Carabott ġieb il-quddiem l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' dina l-Qorti "ratione valoris", billi kull wieħed mill-atturi qiegħed jitlob somma iżgħar minn £10;

Illi skond l-art. 749 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, inċiż (a), il-valur ta' l-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba, meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata. Fil-każ in diżamina, it-talba ta' l-attur hija għall-ħlas ta' £15, li huma qegħdin jitolbu nofs kull wieħed, in raġuni ta' self, kif jingħad fil-premessi ta' l-istess att taċ-ċitazzjoni, u kif spjegat fid-dikjarazzjoni tagħhom, bħala werrieta ta' missierhom. Minn dan, fil-verità, jidher li l-ġudizzju dwar dina l-istess talba in kontestazzjoni jrid jiġi pronunzjat fuq is-somma ntiera reklamata u fuq l-uniku titolu li għalih hemm riferenza fit-talba, u kwindi ma jistgħux jiġu kunsidrati d-diversi domandi ta' kull wieħed mill-atturi għan-nofs tas-somma ta' £15 bħala ġudizzji indipendenti u separati; il-għaliex il-kawżali tagħhom hija unika u waħdanija, u l-kompetenza li in bażi tagħha għandha jiġi determinta, skond l-aħjar dottrina u l-aktar loġika ġuridika, għandha tirradika ruħha fuq is-somma totali mitluba, u mhux diversament. Kien ikun divers il-każ kieku l-atturi, dwar it-tieni talba, kienu qegħdin jippretendu kwoti ta' krediti diversi u distinti. Tabilħaqq, jingħad li ma għandhomx jiġu, fuq domandi ta' kreditu wieħed proposti minn aktar minn persuna waħda u li bejniethom l-istess kreditu jkun maqsum, isiru konfużjonijiet, il-għaliex il-pluralità ta' l-azzjonijiet hija ħaġa ċertament u indubbjament ben diversa mill-pluralità ta' l-atturi li jkunu qegħdin jeżerċitaw l-istess azzjoni. Meta jkun hemm aktar minn attur wieħed, li flimkien ikunu, għall-kwoti tagħhom, qegħdin jeżerċitaw l-istess azzjoni, wieħed għandu jara u jkollu biss rigward għall-kumpless tat-talbiet tagħhom — apparti r-ratizzazzjoni ta' dak il-kreditu bejniethom:

Illi, del resto, jingħad sussidjarjament li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-kawża in re "Caterina Cutajar vs. Giuseppe Cachia", maqtugħa fit-12 ta' Novembru 1945, f'każ ta' talbiet diversi, u ċjoè ta' żgumbrament ta' ħanut bil-korredi tiegħu, li l-kera tiegħu kien taħt il-£10, bit-talba konġuntiva tal-kundanna tal-konvenut biex jagħmel dak li kien meħtieġ biex il-liċenza tax-xorb relativa għal dak il-ħanut tiġi minn isem il-konvenut imdawra f'isem l-attriċi, billi ddikjarat li l-valur tal-liċenza li kellha, kif intqal fuq, tiġi mdwara, kien ta' £20, u tal-mobbli £10, applikat il-prinċipju sanzjonat mill-art. 760

tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, billi qalet li, meta t-talbiet huma iżjed minn waħda, il-valur tal-kompetenza jiġi determinat mit-talba li tirrappreżenta l-akbar somma—liema prinċipju, applikat għall-kawża preżenti, jimplika li l-ewwel talba, li hija ndubbjament, kif ma ġiex kontestat, ta' kompetenza ta' dina l-Qorti għall-valur, tiġbed magħha t-tieni talba għall-finijiet tal-kompetenza, anki kieku, in grazzja ta' ipotesi, it-talba attriċi kellha tiġi meqjusa skond il-kwoti li l-atturi bħala eredi ta' missierhom għandhom mill-ammont ta' £15 reklamat in forza ta' l-istess titolu ta' dejn rikonoxxut fit-testment tad-decujus;

Illi kwindi dina l-Qorti hija kompetenti li tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, u l-eċċezzjoni tal-konvenut Giuseppe Carabott nomine għandha tiġi miċħuda;

Illi dwar l-istess talba jingħad li l-konvenut Giuseppe Carabott nomine eċċepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ta' ħames snin;

Illi għalkemm mit-testment magħmul mid-decujus għand in-Nutar Arturo Leone Ganado fil-25 ta' Mejju 1930, fl-artikolu 10 ittra (b), l-aħħar inċiż (fol. 8 tergo tal-proċess ċivili fl-ismijiet "Vincenzo Carabott vs. Giuseppe Carabott ne.", deċiż in parti fit-18 ta' Ġunju 1945 u ċedut dwar it-tieni talba fit-28 ta' Jannar 1946), jidher li t-testatriċi semmiet id-dejn in kwistjoni b'dawn il-kelmiet :— "La testatrice impone l'obbligo a tali legatari di pagare i di lei due debiti, uno di lire sterline quindici a favor della eredità di suo fratello Giuseppe, e l'altro ecc.", l-atturi odjerni m'humiex qegħdin jaġixxu bl-azzjoni "ex testamento", imma l-azzjoni tagħhom hija diretta kontra l-istess eredità bl-"actio crediti", jew "actio condictio certi ex mutuo", għall-bilanċ tas-self, kif jista' jidher mill-konċett taċ-ċitazzjoni u mill-kawżali addotta. Il-fatt li ssemma t-testment fid-dikjarazzjoni ma jagħmelx tajjeb għan-nuqqas ta' menzjoni tiegħu bħala "causa petendi" fl-istess att taċ-ċitazzjoni, fejn dak ir-rekwiżit huwa imprexindibilment meħtieġ għad-determinazzjoni ta' l-azzjoni;

Huma minnhom ukoll żewġ fattijiet, u ċjoè :— (1) Li l-menzjoni ta' dak id-dejn tad-decujus fit-testment tagħha ġie msemmi bħala obligu mpost lill-legatarji mdaħħla taħt l-artikolu 10 ta' dak l-istess testment, u dawk il-legatarji m'humiex

in kawża, u (2) li fl-ipotesi li l-atturi kellhom imexxu 'l quddiem, flok l-azzjoni tal-kreditu kontra l-eredità, l-azzjoni "ex testamento", dik l-azzjoni kienet tkun suġġetta għal preskrizzjoni proprja, u dina l-azzjoni għall-kredituri sublegatarji (ċjoè l-atturi)—il-għaliex, milli jidher, id-dispożizzjoni msemmija tammonta għal legati ta' dejn — kienet tkun ta' utilità, in kwantu neċessarjament kien ikollha prinċipju posterjuri għal dak ta' l-azzjoni li tipprovjeni mill-kostituzzjoni oriġinarja *tal-kreditu*;

Illi minn dan jitnissel li l-atturi, li għażlu għal dana l-kreditu tagħhom l-azzjoni diretta ta' kreditu kontra l-wirt ġjaċenti tad-debitriċi, huma regolati mill-preskrizzjoni kontemplata taħt id-dispost ta' l-artikolu 2261 (c) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 ta' l-Edizzjoni Riveduta, il-għaliex il-mutwu in kwistjoni ma jirriżultax li mill-awtur tagħhom sar b'att publiku;

Illi jingħad ukoll li l-kreditu ta' l-atturi in forza tat-titolu *reklamat jestingwi ruħu fi żmien ħames snin. Jekk il-menzjo*ni ta' dak id-dejn fit-testment għandha sservi, skond ma taħseb din il-Qorti fiċ-ċirkustanzi u fil-konfront ta' l-azzjoni odjerna, l-istess tista' sservi biss bħala konfessjoni interruttiva; u peress li d-decujus mietet fis-27 ta' Ottubru 1937, il-preskrizzjoni ta' ħames snin bdiet tiddekorri minn dak il-jum; u sa l-ittra uffiċjali ta' l-atturi, li saret fis-6 ta' Frar 1945, indubbjament għaddew aktar minn ħames snin; b'mod li di fronti għall-wirt battal imsemmi, l-azzjoni "de quo" tinsab estinta. *Kieku l-atturi mexxew l-azzjoni, inveċi, kontra il-legatarji* imsemmija fit-testment, u bil-ħsieb li dak l-oneri lilhom impost għandu, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, jiġi kunsidrat bħala legat ta' dejn, il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni għall-otteniment ta' dak il-legat kienet tkun dik kontemplata taħt l-art. 885 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-Liġijiet ta' Malta;

Jista' forsi jiġi obbjettat mill-atturi, dwar l-azzjoni "ex testamento", illi huma ma jafux jekk il-legatarji gravati aċċettawx jew le l-legat; imma dik l-obbjezzjoni hija biss apparentement sana; *il-għaliex il-legatarju espressament gravat mit*testatur bil-pagament tad-debitu jista' jiġi ugwalment konvenut f'ġudizzju għall-pagament ta' dak id-dejn anki qabel l-aċċettazzjoni jew talba tal-legatarju oberat sabiex jieħu l-pussess

mill-parti tiegħu tal-ħaġa legata, salvo li l-legatarju ħekk oberat bil-legat jew oneri ta' dejn tad-decujus li jipprova fil-kawża li huwa ma aċċettax il-legat oberat, jew li huwa jiġġustifika l-fatt li ma setax jikkonsegwixxi l-pussess tal-ħaġa legata, li hija alla sua volta oberata bl-oneri mpost; il-għaliex ma jista' qatt jingħad illi fuq is-sempliċi u meru fundament fis-sens li l-legatarju ma aċċettax il-legat għandha tiġi miċħuda minnufih it-talba, jew għandu jiġi magħluq b'mod ieħor l-aditu tat-talba tas-sublegatarju; u l-għaliex, ukoll, skond il-prinċipji tal-ġustizzja u raġuni, jekk huwa minnu li skond il-liġi tikkompeti lill-legatarju l-fakoltà li jaċċetta jew jirrinunzja għal-legat lilu mħolli fiż-żmien li trid il-liġi, eppure l-latitudini taż-żmien indikata mill-liġi tista' sseħħ biss u sakemm ma jkunx hemm xi persuna oħra li tkun tista' u trid tesperimenta d-dritt fuq il-ħaġa legata jew versu l-persuna tal-legatarju fil-kwalità tiegħu bħala tali, inklelè, apparti l-possibilità u varjabili kollużjonijiet bejn l-eredi u l-legatarju, il-konsegwenza li tkun titnissel iġġibna għall-assurd li l-legatarju jibqa' ma jaċċettax il-legat, jew ma jitlobx il-pussess tiegħu, sa l-aħħar jum li għandu, skond il-liġi, biex jaċċettah, b'mod li l-kreditur ikun kostrett jibqa' jistenna għal dak iż-żmien kollu —dak li huwa mhux ċivili li għandu jkun maħsub;

Fil-verità, jingħad ukoll li skond l-art. 758 tal-Kodiċi Ċivili, il-legatarju għandu l-jedd għal-legat minn dak in-nhar tal-mewt tat-testatur, b'mod li mhix l-aċċettazzjoni jew it-talba għall-pussess li ddaħħal fih id-dritt ta' l-akkwist tal-ħaġa legata, għaliex l-aċċettazzjoni (li, jingħad ċar, mhix preskritta minn ebda dispożizzjoni tal-liġi) u t-talba għall-pussess ma hix ħag'oħra ħlief il-manifestazzjoni tal-volontà ta' l-eżerċizzju effettiv li l-legatarju jagħmel in forza ta' dritt li jkun diġà nfetah għav-vantaġġ tiegħu u li huwa jkun ġà akkwista; il-għaliex il-pussess tal-ħaġa legata huwa preskritt mill-leġislatur bħala konsegwenza kważi neċessarja tal-prinċipju li jinforma s-sistema suċċessorju tagħna, fis-sens li l-pussess tal-beni jgħaddi bid-dritt fl-eredi, u tal-prinċipju l-ieħor tar-raġuni li ħadd ma jista' jieħu l-ġustizzja b'idejh;

Indipendentement, imbagħad, mill-aċċettazzjoni jew tal ba għall-pussess, il-legatarju għandu, skond il-każi, dritt ta' proprjetà jew ta' kreditu, akkwistat fuq il-ħaġa legata. Jekk

l-akkwist għal-legat mhux subordinat għall-kondizzjoni ta' l-aċċettażżjoni, u per konverso t-telf jew perdita tal-legat hija *sottoposta* għar-rinunzja (dak li jitnissel mid-dispost 774 Kodiċi *Ċivili*), *tabilfors jitnissel minn hekk li anki qabel kwalunkwe* aċċettazzjoni jew talba għall-pussess mill-parti tal-legatarju, il-kredituri tiegħu jkunu mhux biss, skond l-art. 1186 tal-Kodiċi Ċivili, jistgħu jolqtu u jikkolpixxu l-ħaġa legata b'sekwestru għand terzi persuni, jew b'mandati oħra, imma wkoll ikunu jistgħu jħarrku f'ġudizzju lill-istess legatarju għall-pagament tad-dejn jew tal-legati li għalihom l-istess legatarju jkun ġie gravat mit-testatur;

Illi wara din id-digressjoni importanti, jingħad ukoll direttament, in meritu għat-talba odjerna, li di fronti għall-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, ebda prova ma għandha ssir, kif ġie kostantement deċiż, ħlief dik ta' l-interruzzjoni, u għal bżonn dik tad-deferiment tal-ġurament lill-eċċipjenti, li jammonta għar-remissjoni tal-kreditur għall-kuxjenza tad-debitur. Imma dwar dawn iż-żewġ provi jidher mill-proċess li l-ewwel waħda hija kompletament assenti, il-għaliex l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Settembru 1945 saret snin wara l-passaġġ tal-ħames snin mill-jum tal-mewt tad-decujus; minn liema prinċipju posterjuri għandha tiġi risgwardata, u ma jirriżultax li mill-mewt tad-decujus kien hemm xi att li minnu jista' jingħad li kien hemm xi interruzzjoni jew rikonjizzjoni tad-dejn; u dwar it-tieni mezz, il-għaliex skond l-art. 2265 tal-Kodiċi Ċivili, il-ġurament jew remissjoni tal-kreditur għall-kuxjenza tad-debitur, jingħata lid-debitur, l-eredi tiegħu jew aventi kawża, imma bil- u skond il-formola varjanti f'dak l-artikolu msemmija, u fost dawk il-persuni ma jidħlux persuni oħra, bħalma huma l-eżekutur testamentarju li f'din il-kawża ġieb 'il quddiem l-eċċezzjoni "de quo"; b'mod li dana l-ġurament ma jistax jiġi lilu deferit, lanqas, se maj, suppletorjament minn din il-Qorti;

Illi kwindi l-azzjoni ta' l-atturi, in kwantu tirrigwarda t-tieni talba fuq il-kawżali addotta, hija estinta;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi (1) tilqa' l-ewwel talba attriċi, u timponi lill-konvenuti nomine terminu ta' xahar sabiex jirrendu l-kontijiet mitluba, u fin-nuqqas ta' adeżjoni fit-terminu msemmi, tammetti lill-atturi jistabbilixxu l-ammont lil-

hom dovut mill-amministrazzjoni msemmija, b'riżerva lill-istess atturi li jaġixxu għall-pagament ta' dak li jirriżulta lilhom dovut f'ġudizzju separat, għas-spejjeż din it-talba tal-konvenuti nomine; (2) tiddikjara li t-tieni talba hija ta' kompetenza tagħha, u kwindi konsegwentement tiċħad l-eċċezzjoni ta' inkompetenza "ratione valoris" tal-konvenut Giuseppe Carabott nomine, għas-spejjeż ta' l-istess Giuseppe Carabott nomine; (3) tiddikjara, wara li tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin dwar it-tieni talba, l-azzjoni proposta kontra l-eredità ġjaċenti "de quo" estinta, kif fuq inTqal, għas-spejjeż ta' l-atturi, riżervata lill-atturi kwalunkwe azzjoni oħra kontra min u skond il-liġi, "si et quatenus";

U b'hekk tponi fini għal dina l-kawża f'dina l-istanza.